Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 32, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 19 ta' Frar 2014, fil-5.30 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Perit Edric Micallef (E.M.) |
| Vici-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Dr.Angelo Micallef (A.M.)<br>Steven Grech (S.G.) |
| Skuzati | Stephen Caruana ( S.C.)<br>Is-Sur Marlon Grech (M.G.) Ambaxxatur (Vot 16) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Laqgha annwali tal-lokalita' – Approvazzjoni ta' Minuti
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Korrispondenza
6. Mozzjonijiet
7. Kamra fi Triq l-Arznell ( zviluppi u finanzjament)
8. Live-Streaming tas-Seduti tal-Kunsill Lokali
9. Playing field fi Triq il-Wilga
10. Financial Estimates 2014
11. Financial Statements 2013
12. Lista ta' works/purchase orders
13. Lista ta' petty Cash
14. Approvazzjoni ta' hlasijiet
15. Affarijiet oħra
16. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Edric Micallef flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**32/01** **Qari tal-Minuti**

32/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, Seduta Numru 31 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

32/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Edric Micallef il-minuti gew unanimament approvati

32/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**32/02** ***Arisings* mill-Minuti**

32/02/01 Ma kienx hemm.

**32/03 Laqgha annwali tal-lokalita' – Approvazzjoni ta' minuti**

32/03/01 Kopja tal-Minuti tal-laqgha annwali tal-lokalita' ghall-2014, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

32/03/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Edric Micallef il-minuti gew unanimament approvati

32/03/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**32/04 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

32/04/01 Is-Sindku semma kif flimkien mas-Sur Steven Grech kien attenda ghal-laqgha tas-South Tourism Zone Committee li kien kompost mill-Kunsilli Lokali ta' Marsascala, Birzebbuga, parti mill-Qrendi u Marsaxlokk. waqt l-istess laqgha kienu inhatru bhala chairman tal-kumitat is-Sur David Michael Schembri (Sindku Qrendi), filwaqt li s-Sur Charlo Cassar (Kunsillier M'Scala) kien inhatar co-chairperson. Is-Sindku semma kif il-Kunsill Lokali kien gie mitlub iressaq proposti dwar x'kien jixtieq li jsehh fil-lokalita' filwaqt li jigu elenkati l-prijoritajiet. Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob l-informazzjoni mitluba lill-kumitat bil-prijoritajiet ikunu l-latrini pubblici, it-tindif wara s-suq fil-berah li kien jopera nhar ta' Hadd u pressjoni fuq l-implimentar ta' pjan ta' rigenerazzjoni li kien qieghed jigi propost mill-Gvern Centrali.

32/04/02 Is-Sindku qal illi wara li kienu intlehaq ftehim mal-*Cleansing Services Directorate,* haddiema mill-istess dipartiment kienu ghamlu manutenzjoni estensiva fuq il-latrini pubblici tal-lokalita'. L-istess dipartiment kien qieghed jiehu hsieb jara illi jkun hemm attendants mal-latrini pubblici. Is-Sindku temm jghid illi l-ftehim milhuq kien applikabbli sa tmiem l-2014.

32/04/03 Is-Sindku informa lill-Kunsiliera prezenti illi kienu waslu fil-fazijiet finali il-proceduri sabiex jidhol fis-sehh abbozz ta' bye-law li kien ippropona l-Kunsill Lokali dwar karrijiet u oggetti ohra ta' ingombru.

32/04/04 Is-Sur Edric Micallef informa lil dawk prezenti illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien qieghed jiehu hsieb l-applikazzjoni sabiex jinkisbu fondi ghall-ftuh ta' Tourist Information Hub f'kamra fi Triq l-Arznell. Is-Sindku zied jghid illi wara sensiela ta' korrispondenza l-Awtorita' Maltija ghat-turizmu kienet hadet id-decizjoni illi ma tissehibx mal-Kunsill Lokali fl-inizjativa msemmija peress illi skond l-istess Awtorita' il-post maghzul ma kienx idejali. Is-Sur Micallef zied jghid illi l-Kunsill Lokali kien ser jipprova jaghmel kuntatt mal-korporazzjoni ghat-Tahrig u Impjieg sabiex tigi evalwata l-possibilita' illi din tissieheb mal-Kunsill Lokali minflok l-MTA.

32/04/05 Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni mal-*power station* gdida li kienet qieghda tigi proposta li tinbena f'Delimara, il-Kunsill Lokali kien issottometta rapport dettaljat nhar l-24 ta' Jannar 2014. Nhar is-27 ta' Jannar 2014, rapprezentanza tal-Kunsill Lokali kienet ippartecipat f'laqgha ghall-pubbliku li kienet inzammet gewwa l-iskola primarja b'konnessjoni mal-istess tema filwaqt li nhar it-tlieta ta' Frar 2014 kien gie sottomess rapport dwar l-*Environmental Impact Assessment* tal-istess proposta. Is-Sindku zied jghid illi nhar il-Gimgha 14 ta' Frar 2014, kien iltaqa' mal-Onor. Conrad Mizzi u fost affarijiet ohra kien gie assigurat illi l-health & Safety taz-zona vicin il-propost zvilupp kienet ta' prijorita' tal-Gvern Centrali.

32/04/06 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu fejn possibbli jghin lill-ghaqdiet mhux governattivi tal-lokalita'. Ghal dan il-ghan it-talbiet tal-ghaqdiet kellhom jigu evalwati mill-amministrazzjoni u f'kazi semplici l-ghajnuna tinghata b'mod immedjat. Is-Segretarju Ezekuttiv, f'isem l-amministrazzjoni informa lill-Kunsilliera prezenti illi ma kien hemm ebda oggezzjoni ghall-evalwazzjoni tat-talbiet. Kien hemm qbil unanimu illi l-ghajnuna kellha tinghata sakemm ma jkun hemm ebda ksur ta' regolamenti u l-istess talbiet ta' natura finanzjarja.

**32/05 <u>Korrispondenza</u>**

32/05/01 Permezz ta' ittra datata 9 ta' Jannar 2014, Fr.Martin Micallef, f'isem id-Dar tal-Providenza irringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-ghotja li kienet saret lill-organizzazzjoni tieghu.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-ghotja in-kwistjoni kienet giet migbura mill-Kunsill Lokali waqt attivita' li kienet ittellghet fi zmien il-Milied. L-ghotja li kienet tammonta ghal €350 kienet giet ipprezentata matul il-festa' ta' generosita' mtella' mid-Dar tal-Providenza nhar l-1 ta' Jannar 2014

32/05/02 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Jannar 2014 is-Sur Noel Castillo, f'isem Leon Promotions ghadda lill-Kunsill Lokali abbozz ta' programm ghal attivita' relatata mal-Karnival li kien qieghed jigi ppjanat li jittella' gewwa l-lokalita'.
Is-Sindku qal illi t-thejjijiet ghall-attivita' msemmija kienu mexjin b'pass mghaggel u l-attivita' kienet ser tkun qieghda tittella' matul Triq Xatt is-Sajjieda u Pjazza Madonna ta' Pompei hekk kif sehh fis-snin imghoddija.

32/05/03 Permezz ta' ittra datata 30 ta' Jannar 2014, is-Sa. Borg Marie Jeanne infurmat lill-Kunsilli Lokali b'memo 5/2014 li kienet tittratta skema ta' ghajnuna finanzjarja ghal Streaming tal-Laqghat Online.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi l-iskema kienet tikkonsisti f'ghotja ta' €1000 fis-sena ghal tliet snin konsekutivi sabiex jigu koperti l-ispejjez relatati mal-*istreaming pay plan*. Huwa zied jghid illi b'konnessjoni mal-materja kien hemm mozzjoni li kienet ser tigi pprezentata lill-Kunsill Lokali aktar tard matul l-istess seduta.

32/05/04 Permezz ta' ittra datata 7 ta' Frar 2014, l-Onor. Franco Mercieca informa lill-Kunsill Lokali b'kompetizzjoni annwali bi premju intitolata A+ Accessibility Award.
Wara li inghataw dettalji tal-kompetizzjoni, is-Sindku wera interess sabiex f'isem il-Kunsill Lokali jippjana xi inizjativa sabiex tkun tista' tigi sottomessa applikazzjoni b'konessjoni mal-kompetizzjoni msemmija.

32/05/05 Permezz ta' e-mail datat 22 ta' Jannar 2014, is-Sur Pio Farrugia, f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, informa lill-Kunsilli Lokali illi wara li kienu gew ikkonsultati diversi entitajiet, haddiema tal-ETC assenjati bi skemi mal-Kunsilli Lokali kienu ser ikunu qieghdin jitqiesu bhala eligibbli ghall-mili ta' postijiet tax-xoghol vakanti mal-istess Kunsilli Lokali.

32/05/06 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Jannar 2014, is-Sa. Borg Marie Jeanne infurmat lill-Kunsilli Lokali b'memo 04/2014 li kienet tittratta skema ta' ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li kellhom ir-responsabilita' tal-librerija tal-Lokal.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-iskema kiene tikkonsisti f'ghotja ta' €600 lill-Kunsill Lokali sabiex jinxtraw kotba ghal-librerija. Huwa zied jghid illi dwar il-materja kienet saret mozzjoni li kienet ser tigi pprezentata aktar tard matul l-istess seduta.

32/05/07 Permezz ta' email datat 24 ta' Jannar 2014, is-Sur Christopher Galea mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali b'dettalji dwar sejha ghall-offerti li kien jinhtieg li tinhareg ghal manutenzjoni tad-dawl fit-Toroq.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi dwar din it-tema kien attenda ghal laqgha li kienet inzammet gewwa l-Kunsill Lokali taz-Zejtun u li ghaliha kienu gew mistiedna l-membri tal-kumitat kongunt li kien hareg sejha ghall-offerti simili. Huwa zied jghid illi kien hemm l-intenzjoni illi l-istess kumitat kongunt jerga' johrog is-sejha f'isem il-Kunsilli Lokali kemm il-darba ikun hemm interess. Is-Sur Carmelo Bugeja talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilitajiet ezistenti inkluz dik illi l-Kunsill Lokali jissieheb mar-Regjun Xlokk li wkoll kien wera interess li johrog is-sejha f'isem numru ta' Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil fil-principju illi l-Kunsill Lokali kellu jissieheb mal-kumitat kongunt kemm il-darba l-istess kumitat johrog is-sejha.

32/05/08 Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Frar 2014, is-Sa. Borg Marie Jeanne infurmat lill-Kunsill Lokali b'memo 06/2014 li kienet tittratta xoghol li kienu jwettqu haddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali. L-iskema kienet titlob lill-Kunsilli Lokali sabiex kull xahar jibghatu rendikont tal-hidma li tkun twettqet lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

32/05/09 Permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar 2014, Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet giet milqugha t-talba tal-Kunsill Lokali sabiex Triq ix-Xambekk u Triq il-Felluka isiru one-ways.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni kienet ser tkun qieghda tigu hsieb illi timplimenta d-decizjoni mehuda.

32/05/10 Permezz ta' ittra datata 13 ta' Frar 2014, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali u lill-Perit Christopher Mintoff f'isem il-Kunsill Lokali li kienet irceviet screening Request b'konnessjoni ma' applikazzjoni li kien ghamel il-Kunsill Lokali sabiex proprjeta' fi Triq l-Arznell tindibel minn post minghajr uzu ghal ufficcju ta' informazzjoni ghat-turisti.

32/05/11 Permezz ta' ittra datata 5 ta' Frar 2014, id-Dipartiment ghall-Gvern Lokal informa lill-Kunsill Lokali b'akkwist ta' art li kien sar mill-Gvern Centrali fil-Lokalita'. Wara li giet evalwata pjanta annessa mad-dokument, irrizulta illi l-art in-kwstjoni kienet tinstab fi Triq Barthelemy.

32/05/12 Permezz ta’ e-mail datat 5 ta’ Frar 2014, is-Segretarju Ezekuttiv, f’isem il-Kunsill Lokali, talab lill-korp tal-pulizija jezamina allegat abbuz minn bejjiegha tas-suq fil-berah ta’ nhar ta’ Hadd li kienu qieghdin jibdew jarmaw il-posta taghhom qabel il-hin legalment stabbilit.

32/05/13 Permezz ta’ ittra datata 6 ta’ Frar 2014, is-Sur Stefan Borg, filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill Lokali ghall-proposta ta’ installazzjoni ta’ traffic Calmers fi Triq Bir Rikka, talab lill-istess Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi minflok tnejn isiru tliet *traffic calmers* bil-ghan illi l-vetturi li jaghmlu uzu mit-triq jigu mgieghla jnaqqsu l-velocita’.

Wara diskussjoni libera, gie deciz illi kemm illi l-Kunsill Lokali ghandu jimxi fuq il-pjan originali tieghu u cioe’ illi fi Triq Bir Rikka jitwahhlu zewg *traffic calmers* u mhux tlieta hekk kif propost mis-Sur Borg. Kien hemm qbil ukoll dwar il-fatt li l-Kunsill Lokali kellu jaghmel talba lil Transport Malta sabiex tigi evalwata l-possibilita’ illi x-xoghol isir mill-Gvern Centrali peress li t-triq in-kwistjoni kienet arterjali.

32/05/14 Permezz ta’ e-mail datat 29 ta’ Jannar 2014, is-Sa. Michelle Agius Portelli minn 3A Malta, infurmat lill-kunsill Lokali illi l-awditjar tas-sena 2013 ghall-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk kien ser isir nhar l-Erbgha 12 ta’ Marzu 2014.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi l-amministrazzjoni kienet qieghda tiehu hsieb thejji d-dokumenti mehtiega sabiex ikun jista’ jsir l-awditjar imsemmi.

32/05/15 Permezz ta’ e-mail datat 30 ta’ Jannar 2014, is-Sur Quinton Scerri mill-Ministeru ghat-Turizmu talab lill-Kunsill Lokali jressaq in-nomini tieghu ghar-*regional Tourism Zones Committe.*

Is-Sindku qal illi f’dan ir-rigward, il-Kunsill Lokali kien innomina lilu flimkien mas-Sur Steven Grech bhala rapprezentanti.

32/05/16 Permezz ta’ ittra datata 7 ta’ Frar 2014, is-Sur Emanuel Cumbo talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex ikun jista’ jwahhal tinda quddiem l-istabbiliment tieghu ‘L-Iskuna’, li kien jinstab fi Triq it-Torri Vendoma.

Wara diskussjoni llibera dwar it-talba msemmij, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob aktar dettalji flimkien ma’ pjanta lis-Sur Cumbo.

32/05/17 Permezz ta’ e-mail datat 12 ta’ Frar 2014, is-Segretarju Ezekuttiv talab lis-Sa. Lucienne Cassar tinforma lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma relatati ma’ winchrooms f’Xatt is-Sajjieda, liema kontijiet il-Kunsill Lokali kien qieghed jitlob illi jigu mhallsa mid-Dipartiment tas-Sajd.

32/05/18 Permezz ta’ e-mail datat 6 ta’ Frar 2014, is-Sur Mark Zammit, Segretarju tal-Assocjazzjoni Bejjiegha tal-Monti, wiegeb e-mail tal-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk u informa lill-Kunsill Lokali bi tliet bejjiegha li kienu joperaw fis-suq fil-berah ta’ nhar ta’ Hadd qabel ma sar progett ta’ rigenerazzjoni. Is-Sur Zammit zied jghid illi l-istess bejjiegha kellhom il-karti tal-posta temporanja u ghaldaqstant kellhom jigu mnizzla fil-lista’ ufficjali tal-bejjiegha tal-monti.

Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi fil-kaz tat-tliet bejjiegha msemmija ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex dawn kellhom jigu inkluzi fil-lista ufficjali tal-bejjiegha tas-suq fil-berah. Dan ghaliex il-fatt li qatt ma tnizzlu fil-

lista' ufficjali jindika li kien hemm xi nuqqasijiet min-naha tal-istess bejjiegha tal-monti.

32/05/19 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Frar 2014, is-Sur Joseph Mifsud, f'isem Marsaxlokk Youth Nursery informa lill-Kunsill Lokali b'attivita' li kienet qieghda tigi ppjanata li tittella' nhar it-30 ta' Marzu 2014 gewwa Marsaxlokk. Ghall-attivita' msemmija kienet issehbet il- Malta Youth FA u kien qieghed jigi ppjanat illi ghall-attivita' jigu mistiedna tfal minn seba' lokalitajiet differenti. Is-Sur Mifsud f'intervent li ghamel waqt il-qari tal-korrispondenza informa lill-Kunsill Lokali illi l-ghajnuna tal-Kunsill Lokali kienet mitluba fil-kordinament ta' attivitajiet sabiex it-tfal li jzuru l-lokalita' jkunu jistghu jittiehdu mawra madwar il-port permezz ta' opra tal-bahar u zjara sat-Torri ta' San Lucjan. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Vici-Sindk, f'isem il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb jikkordina l-attivitajiet imsemmija.

**32/06** **<u>Mozzjonijiet</u>**

32/06/01 Mozzjoni numru 01/2014 (VI)
*Nipproponi li l-Kunsill japplika ghal skema mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, permezz ta' Memo05/2014 sabiex jikseb l-ammont ta' €1000 fis-sena ghal tliet snin bhala parti minn streaming pay plan b'konnessjoni ma' inizjativa ta' streming tas-Seduti tal-Kunsill Lokali online.*
Mozzjoni : Steven Grech
Sekondant : Carmelo Bugeja
Il-Mozzjoni giet unanimament approvata mill-Kunsill Lokali wara li ttiehdet votazzjoni.

32/06/02 Mozzjoni numru 02/2014
*Nipproponi li l-Kunsill Lokali japplika ghal skema mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali permezz ta' Memo 04/2014, liema skema tikkonsisti f'ghajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali li ghandhom responsabilita' ta' librerija fil-lokalita'. Nemmen illi l-Kunsill l-Kunsill Lokali ghandu japplika sabiex jibbenefika mill-massimu ta' €600 permezz tal-iskema msemmija.*
Mozzjoni : Carmelo Bugeja
Sekondant : Edric Micallef
Il-Mozzjoni giet unanimament approvata mill-Kunsill Lokali wara li ttiehdet votazzjoni.

**32/07** **<u>Kamra fi Triq l-Arznell ( Zviluppi u Finanzjament)</u>**

32/07/01 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' inizjativa li kien qieghed jimplimenta l-Kunsill Lokali sabiex issir Tourist Information Hub f'kamra fi Triq l-Arznell kien gie mqabbad perit sabiex ihejji site plans u jressaq applikazzjoni ghand l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar. Fil-frattemp, kien ghadu ghaddej il-process ta' devoluzzjoni tal-proprjeta' minghand il-Gvern Centrali ghall-Kunsill Lokali. Is-Sur Edric Micallef zied jghid illi flimkien mal-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem fuq applikazzjoni sabie ikunu jistghu jinkisbu fondi ewropej ghall-inizjativa msemmija.

**32/08** **<u>Live Streaming tas-Seduti tal-Kunsill Lokali</u>**

32/08/01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti illi permezz ta' e-mail datat 6 ta' Frar 2014, is-Sa. Camilleri Aquilina Isabella kienet infurmat lill-Kunsill Lokali

illi l-kumpanija maghzula mill-istess Kunsill Lokali sabiex twettaq ix-xogholijiet imsemmija kienet issottomettiet offerta b'xi nuqqasijiet teknici u ghaldaqstant ma setghetx tignhata x-xoghol. Ghal dan il-ghan, id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali irrakkomanda illi l-Kunsill Lokali jaggudika s-sejha ghall-kwotazzjonijiet lil kumpanija ohra. Is-Sur Hall zied jghid illi fil-kaz tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kien hemm offerta ohra minghand il-kumpanija Correct Terminations Ltd.
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, u in-vista tal-fatt illi l-Kunsill Lokali kien marbut b'deadlines sa meta ried jigi installat l-apparat, l-istess Kunsill Lokali ma kellu ebda triq ohra hlief illi jaggudika s-sejha lill-kumpanija Correct Terminations Ltd. Is-Sur Carmelo Bugeja ssekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni ta' tlieta favur u vot wiehed kontra.

**32/09** **<u>Playing field fi Triq il-Wilga</u>**

32/09/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien miexi skond kif ippjanat ix-xoghol fuq playing field gdida fi Triq il-Wilga. Filwaqt li kienu kwazi lesti x-xogholijiet ta' kostruzzjoni, il-kuntrattur maghzul kien informa lill-Kunsill Lokali illi sa tmiem Frar 2014 kien ser jibda' jitwahhal l-apparat tal-loghob innifsu. Dan minbarra illi kienu qieghdin jigu installati l-arbli tad-dawl u CCTV.
Is-Sur Hall zied jghid illi sabiex jitwahhlu t-tabelli mehtiega fil-*playing field* kien jinhtieg li jinghazel isem ufficjali. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-isem tal-*playing field* kellu jkun "Bandli tal-Maghluq".

**32/10** **<u>Financial Estimates 2014</u>**

32/10/01 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill kopja ta' l-estimi annwali għall-perjodu Jannar-Diċembru 2014. D.H. qal illi minkejja l-fatt illi matul l-2014 l-ispejjeż li kien ser jidħol għalihom il-Kunsill Lokali kienu konsiderevoli xorta waħda kien qiegħed jiġi ppjanat illi tingħalaq is-sena b'bilanċ pożittiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-estimi annwali kienu ġew inklużi spejjez kapitali relatati ma wicc bit-tarmac ghal Triq il-Wilga kif ukoll spejjez relatati ma playing field gdida li kien mistenni li tigi implimentata sa tmiem l-ewwel kwart tal-2014. Is-Sur Hall zied jghid illi kien qieghed jig stmat illi bejniethom iz-zewg progetti kienu ser jiswew lill-Kunsill Lokali madwar €62 000.
Wara diskussjoni qasira is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex l-estimi annwali għall-perjodu Jannar-Diċembru 2014 jiġu approvati hekk kif proposti. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Angelo Micalleg u għaddiet b'mod unanimu.

**32/11** **<u>Financial Statements 2013</u>**

32/11/01 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għall-2013 il-Kunsill Lokali kellu dħul ta' €372 477 filwaqt li n-nefqa kienet tammonta għal € 357 017. Dan kien ifisser illi matul l-2013 minkejja n-numru ta' inizjativi li ttiehdu il-Kunsill kien illimita n-nefqa tieghu. Ghaldaqstant, meta wieħed jikkunsidra l-fondi li l-Kunsill kellu f'kontijiet bankarji il-Kunsill Lokali kien għalaq is-sena finanzjarja b'bilanċ pożittiv ta' aktar minn €100 000. Is-Sur Hall imbagħad għadda sabiex jispjega kif kienu intefqu il-fondi matul l-2013 u ta' rendikont lill-Kunsilliera dwar il-varjanzi li kien hemm fi spejjeż rikorrenti bejn l-2012 u l-2013.

32/11/02 Wara li ingħatat l-ispjega tas-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema li matulha ġew diskussi fost l-oħrajn spejjeż relatati ma' kuntratti u spejjeż kapitali. Is-Sur Edric Micallef ippropona illi l-Kunsill Lokali japprova l-

financial statements hekk kif proposti. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u għaddiet b'mod unanimu fost dawk prezenti..

**32/12** **Lista ta' Works Orders/Purchase Orders**

32/12/01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' works/orders puchase orders mahruga matul Jannar 2014.

32/12/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Angelo Micallef, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**32/13** **Lista ta' petty Cash**

32/13/01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' *petty cash* mahrug matul Jannar 2014.

32/13/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondata mis-Sur Edric Micallef, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**32/14** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

32/14/01 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda 02/2014) ghall-approvazzjoni.

32/14/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti inkluzi fl-iseka ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**32/15** **Affarijiet Ohra**

32/15/01 *Jum San Girgor*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi l-amministrazzjoni kienet bdiet thejji ghal Jum San Girgor 2014 li kien ser jahbat nhar l-Erbgha 23 ta' April 2014. Huwa zied jghid illi flimkien mas-Sindku kien ipprova jsib soluzzjoni sabiex jigu evitati problemi li kienu inqalghu fis-snin precedenti kawza ta' storbju u kju twil mill-bejjiegha li joperaw f'dik il-gurnata. Is-Sindku zied jghid illi r-rizultat tad-diskussjonijiet imsemmija kienet proposta sabiex il-posti tal-bejjiegha ta' Jum San Girgor jittellghu bil-polza minn urna. Wara diskussjoni qasira dwar il-materja, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta msemmija.

32/15/02 *Suq fil-berah – Immarkar ta' posti*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi sabiex jigu solvuti diversi problemi li kien hemm relatati mas-Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd, kien iddiskuta mas-Sindku il-probabilita' illi jibdew jigu mmarkati l-posti tal-bejjiegha. Kien gie stabbilit illi numru mdaqqas ta' posti setghu jigu mmarkati biz-zebgha fuq il-konkos/tarmac. Iz-zona identifikata kienet testendi minn quddiem l-istabbiliment 'Fornaio D'Oro', f'Xatt is-Sajjieda sa tmiem is-suq fil-berag (Xatt is-Sajjieda kantuniera ma Triq il-Kavallerizza). Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi

kemm il-darba ikun possibbli ghandu jinghata bidu ghall-immarkar tal-posti fiz-zona msemmija.

**32/16** **<u>Aġġornament</u>**

32/16/01 Il-laqgha spiccat fit-8:00pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u giet aggornata għal nhar il-Hamis 20 ta’ Marzu 2014

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Perit Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Data: ____________________